MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2022

Appell Inferjuri Numru 4/2021 LM

**Mary Anne Mizzi (K.I. 128556M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l appellat')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Mary Anne Mizzi (K.I. 128556M)**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tal-5 ta' Frar, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata']. Permezz tad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru ċaħad l-appell intavolat mir-rikorrenti, u per konsegwenza

kkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [hawnhekk 'l-appellat'], li ddeċieda li l-appellanta mhijiex eliġibbli sabiex tirċievi l-pensjoni kontributorja.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressqet appell quddiem l-Arbitru wara li permezz ta' ittra bid-data tas-16 t'April, 2019, hija kienet ġiet infurmata li d-Direttur Ġenerali intimat kien ħa d-deċiżjoni li hija ma kinitx intitolata għall-pensjoni kontributorja, għaliex hija kellha inqas kontribuzzjonijiet imħallsin minn dak imsemmi fl-artikolu 17(5) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Id-Direttur Ġenerali intimat, fir-risposta tiegħu wieġeb li l-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mir-rikorrenti ma tilħaqx dak rikjest mil-liġi. Mill-korrispondenza esebita jirriżulta li saru verifiki dwar it-tip ta' pensjonijiet u krediti li setgħet kienet eliġibbli għalihom ir-rikorrenti, iżda irriżulta li din ma kinitx tissodisfa l-kriterji meħtieġa sabiex tingħata dawn il-krediti, u għalhekk hija mhijiex eliġibbli biex tirċievi l-pensjoni kontributorja minħabba li m'għandhiex biżżejjed kontribuzzjonijiet imħallsin.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Frar, 2021, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

> *"Illi b'ittra mibgħuta u li ġġib id-data tas-16 t'April, 2019, id-DSS ħa deċiżjoni li l-appellanta Mary Anne Mizzi ma kinitx intitolata sabiex tibda tirċievi l-pensjoni*

*kontributorja minħabba li kellha anqas minn dak imsemmi fl-artikolu 17(5) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi min-naħa tal-appellanta qalet li hija ma kinitx qiegħda taqbel mad-deċiżjoni li ħa l-istess DSS.*

*Min-naħa tad-DSS fir-risposta tiegħu tal-15 ta' Lulju, 2019 semma li l-appellanta ma kinitx ħallset il-kontribuzzjonijiet skont ma hemm rikjest fil-Liġi u ċioe fl-artikolu 17(5) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-medja tagħha ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet kien ta' 8.58 u għalhekk mhux skont ma hemm fl-artikolu 17(5) tal-Kap. 318.*

*Ikkunsidra;*

*Illi f'seduta miżmuma fit-18 ta' Lulju, 2019, ġie mitlub sabiex id-DSS jara jekk fil-fatt bejn is-sena 1992 u 2001 fejn l-appellanta kienet tirċievi l-benefiċċji jekk kienx hemm għoti ta' krediti.*

*Illi fis-seduta li kien imiss ġew esebiti dokumenti relatati mal-impjieg tal-appellanta fejn irriżulta li hija kienet ħadmet sas-sena 1982. Illi mid-dokument esebit mill-istess dipartiment juri li n-numru ta' kontribuzzjonijiet imħallsa sas-sena 1982 fejn għal sentejn biss kienu jingħataw krediti. Illi għalhekk mill-kalkoli li għamel l-istess dipartiment irriżulta fuq dak li kellu fis-sistema tiegħu.*

*Illi min-naħa tal-appellanti kkontendiet li wara s-sena 1992 hija kienet qiegħda tirċievi l-pensjoni tal-*carers *u għalhekk riedu li jiġi verifikat jekk fil-fatt kinitx intitolata għal krediti.*

*Illi permezz ta' email li ġiet esebita wkoll f'dawn l-atti, ir-rappreżentant tal-istess DSS għamel stħarriġ fuq dak rikjest mill-istess appellanta lill-istess Adrian Sacco. Illi Adrian Sacco ta spjegazzjoni li l-appellanta kienet bejn is-sena 1995 u s-sena 1999 fuq is-SAF (u ċioe fuq l-assistenza soċjali minħabba li kienet qiegħda tieħu ħsieb xi qarib). Illi wkoll bejn is-sena 1999 u s-sena 2001 kienet fuq il-PW (u ċioe fuq il-pensjoni tal-wens). Illi però ġara li fil-perijodu indikat fejn hija kienet qiegħda tirċievi s-SAF (illum CRA) ma kinux jingħataw krediti għal dawk il-persuni li kienu jirċievu wkoll il-PW kienu jkunu intitolati għal krediti iżda jridu jaraw li l-medja ta' kontribuzzjonijiet trid tkun mill-anqas ta' 19.5. Illi fil-fatt l-appellanta ma setgħetx tieħu dawn il-krediti minħabba l-fatt li l-medja tagħha ta' kontribuzzjonijiet huwa ferm anqas minn dak rikjest u għalhekk ma setgħetx tkun intitolata għalihom.*

*Illi fuq dak spjegat mill-istess DSS permezz ta' email liema informazzjoni ma ġietx ikkontestata jew intalab sabiex isir il-kontro-eżami tal-istess Adrian Sacco. Illi jidher li għalkemm l-appellanta kienet benefiċjarja dan ma kienx ifisser li hija kienet intitolata sabiex tieħu krediti u dan minħabba kif kienet il-Liġi qabel is-sena 2013. Illi fil-fatt din*

*hija konnessa mal-fatt li l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li jkunu ingħataw jew imħallsa kienu jingħataw krediti però dejjem jekk kellha mhux anqas minn 19.5 ħlas ta' kontribuzzjonijiet biex tkun eliġibbli għal krediti meta hija fl-istess ħin hija benefiċjarja tal-Pensjoni tal-Wens (illum CRA). Illi kien għalhekk li d-DSS iddeċieda li hija ma kinitx intitolata a bażi ta' policy imħaddma skont il-liġi.*

*Ikkunsidra;*

*Fid-dawl ta' dan l-arbitru jiċħad l-appell u per konsegwenza d-deċiżjoni tad-DSS f'dan ir-rigward qiegħda tiġi kkonfermata."*

## L-Appell

5. Ir-rikorrenti ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fid-9 ta' Marzu, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka, tannulla u tħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-5 ta' Frar, 2021, u konsegwentement tgħaddi sabiex tordna lid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali iħallas lill-appellanta l-pensjoni kontributorja."*

6. Fir-rikors tal-appell tagħha l-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tagħha kien hemm apprezzament ħażin tal-provi prodotti u nuqqas ta' applikazzjoni korretta tal-liġi fil-konfront tagħha da parti tal-Arbitru. L-appellanta spjegat li fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2019, id-Direttur Ġenerali appellat intalab jara jekk bejn l-1992 u l-2001 l-appellanta kinitx intitolata għal xi krediti, minħabba li dak iż-żmien hija kienet tirċievi l-pensjoni tal-wens. Qalet li fis-seduta ta' wara kellu jiġi esebit il-faxxiklu kollu tagħha li kien fil-pussess tal-appellat, minn fejn kellu jirriżulta li l-appellanta ħadmet bejn is-snin 1974 u 1982, filwaqt li bejn l-1982 u l-1985 kienet tirreġistra għax-xogħol, bejn l-1985 u l-1992 kienet fuq l-assistenza soċjali għaliex kienet qiegħda tieħu ħsieb lil ommha, u bejn l-1992 u l-2001 kienet fuq

il-pensjoni tal-wens. L-appellanta qalet ukoll li bejn l-2001 u l-2016 hija kienet fuq l-għajnuna soċjali, filwaqt li fl-2016 hija bdiet tirċievi l-pensjoni tal-età. L-appellanta qalet li minflok ma ġie esebit il-faxxiklu kollu bir-*records* tagħha, ġew esebiti biss għadd ta' dokumenti mid-Direttur Ġenerali appellat, liema dokumenti kienu juru li kien hemm għadd ta' kontribuzzjonijiet imħallsa sas-sena 1982, imma hija ngħatat krediti għal sentejn biss, u d-Dipartiment għamel kalkolu tal-krediti fuq sentejn biss u dan minkejja li wara l-1992 hija kienet qiegħda tirċievi l-pensjoni tal-wens, u għalhekk kienet intitolata għall-krediti bejn l-1992 u l-2001. L-appellanta qalet li r-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, Adrian Sacco, kien żbaljat, skorrett u malizzjuż meta permezz ta' *email* qal li bejn l-1995 u l-1999 l-appellanta kienet fuq l-assistenza soċjali minħabba li kienet tieħu ħsieb lil ommha, u spjegat li l-informazzjoni korretta kienet li hija kienet tieħu ħsieb lil ommha bejn l-1992 u l-2001, u għalhekk dak iż-żmien kienet tirċievi l-pensjoni tal-wens. L-appellanta għalhekk argumentat li hija kellha tingħata krediti għal dawn is-snin li fihom hija kienet qiegħda tirċievi din it-tip ta' għajnuna.

7. L-appellanta qalet li skont Adrian Sacco fil-perijodu meta hija kienet tirċievi l-assistenza soċjali għaliex kienet tieħu ħsieb ommha, ma kinux jingħataw krediti lill-persuni li jaqgħu taħt is-sistema ta' qabel l-2013, u dan ifisser li l-appellanta ma ngħatatx krediti mill-1985 sal-1992, u mhux kif spjega Sacco li hija ma ngħatatx krediti bejn l-1995 u l-1999. Qalet ukoll li ladarba hija kienet tirċievi l-pensjoni tal-wens, hija kienet intitolata għall-krediti bejn l-1992 u l-2001, u għalhekk il-medja tal-kontribuzzjonijiet tiġi aktar minn dik rikjesta ta' 19.5. L-appellanta qalet li s-snin li kellhom jiġu kkonsidrati sabiex hija tkun intitolata għall-krediti huma bejn l-1992 u l-2001, meta kienet tirċievi l-pensjoni

tal-wens. L-appellanta qalet li dan ifisser ukoll li hemm perijodu ta' seba' snin li ma ġewx ikkonsidrati għall-finijiet ta' komputazzjoni ta' krediti, bil-konsegwenza li l-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha ġiet inqas minn dik rikjesta ta' 19.5. Kompliet tgħid li fil-fatt hija ġiet ippreġudikata bin-nuqqas ta' dawn il-krediti, bil-konsegwenza li l-medja tagħha ta' kontribuzzjonijiet hija ferm anqas minn dak rikjest, filwaqt li kieku l-medja tal-krediti għas-snin 1992 sal-2001, jiġifieri fis-snin meta hija kienet tirċievi l-pensjoni tal-wens, ġew ikkreditati lilha, il-medja tagħha ta' kontribuzzjonijiet kienet tkun ferm aktar minn dik rikjesta, u għalhekk hija kienet tkun intitolata għall-pensjoni kontributorja.

8. L-appellanta qalet li l-Arbitru kien proċeduralment skorrett meta kkonsidra li l-*email* mibgħuta minn Adrian Sacco ma ġietx ikkontestata minnha, u li hija naqset milli titlob il-kontro-eżami ta' Adrian Sacco, u dan għaliex fil-fehma tagħha d-Direttur Ġenerali appellat kellu jew jixhed *viva voce* jew inkella jixhed *b'affidavit* sabiex jagħti l-informazzjoni kontenuta fl-*email* ta' Sacco. Qalet li meta l-informazzjoni rikjesta ngħatat permezz ta' *email,* il-kontenut tal-*email* ma setax jiġi kkontestat, u għalhekk din il-prova ma kinitx ammissibbli u l-Arbitru ma messux ħa konjizzjoni tagħha. L-appellanta qalet li għalhekk m'għandha tirriżulta l-ebda prova da parti tad-Direttur Ġenerali appellat sabiex tirribatti għat-talbiet tagħha, u għalhekk l-appell tagħha kellu jiġi milqugħ fl-intier tiegħu. Qalet li l-fatt li hija kienet benefiċjarja tal-pensjoni tal-wens bejn l-1992 u l-2001, ifisser li hija kienet intitolata għall-krediti. L-appellanta qalet li dan huwa konness mal-fatt li għall-ammont ta' benefiċċji li ngħataw kellhom jingħataw krediti, għaliex mal-pensjoni tal-wens mill-1992 sal-2001 hija kellha mhux inqas mill-medja rikjesta ta' 19.5 ħlas ta' kontribuzzjonijiet, u għalhekk kienet intitolata għall-krediti. L-appellanta qalet li huwa għalhekk li fil-fehma

tagħha d-Direttur Ġenerali appellat iddeċieda malizzjożament u skorrettement li hija ma kinitx intitolata abbażi tal-*policy* mħaddma skont il-liġi, u l-Arbitru kien ukoll skorrett fid-deċiżjoni tiegħu meta ċaħad l-appell. Qalet li għalhekk id-deċiżjoni li wasal għaliha l-Arbitru mhijiex ġusta, u l-aggravju tagħha għandu jintlaqa' mill-Qorti.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat wieġeb li fl-ewwel lok, irid jiġi kkonsidrat li minkejja li d-deċiżjoni tal-Arbitru ngħatat fil-5 ta' Frar, 2021, l-appellanta intavolat ir-rikors tal-appell tagħha fid-9 ta' Marzu, 2021, u għalhekk din għandha ġġib il-prova tad-data meta hija rċeviet id-deċiżjoni tal-Arbitru sabiex jiġi determinat jekk l-appell tagħha ġiex intavolat entro t-terminu stabbilit mil-liġi. L-appellat qal li l-appell interpost mill-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, għaliex għandu jirriżulta li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu *ai termini* tal-Kap. 318, u wara li għarbel il-provi kollha tal-każ skont ir-rekwiżiti tal-ġustizzja u l-ekwità. Qal li għalhekk fil-fehma tiegħu d-d-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u timmerita konferma.

10. L-appellat spjega li permezz tad-deċiżjoni tas-16 ta' April, 2019, l-appellat bagħat jinforma lil Mary Anne Mizzi li hija ma kinitx intitolata għall-pensjoni kontributorja għaliex il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minnha jew akkreditati lilha minn sena għal sena, kienet inqas minn 20, kif jitlob l-artikolu 17(5) tal-Kap. 318. Kompla jgħid li sussegwentement, permezz ta' ittra tal-4 ta' Mejju, 2019, l-appellanta interponiet appell mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat quddiem l-Arbitru *ai termini* tal-artikolu 108 tal-Kap. 318, fejn spjegat

li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tagħha. Għal dan l-appell, id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li l-appellanta kellha medja ta' kontribuzzjonijiet fis-sena ta' 8.5. L-appellat spjega li waqt il-proċeduri arbitrali ma tressqux kwantità ta' provi, u min-naħa tiegħu huwa ppreżenta kopja tal-*contribution record* tal-appellanta. Qal li skont dan ir-rendikont, l-appellanta ħallset kontribuzzjonijiet biss bejn l-1974 u l-1982, filwaqt li għas-snin 1983 u 1984 hija ngħatat krediti ta' kontribuzzjonijiet. Qal ukoll li lilu rriżultalu li bejn l-1985 u l-2018, l-appellanta ma ħallsitx kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u b'hekk il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minnha fuq medda ta' erbgħa u erbgħin sena hija ta' 8.58.

11. L-appellat qal li mill-korrispondenza ppreżentata minnu, irriżulta li l-appellanta kienet ibbenefikat mill-SAF (assistenza soċjali minħabba li kienet qiegħda tieħu ħsieb xi qarib) bejn l-14 ta' Jannar, 1995 u l-20 t'Awwissu, 1999, u mill-Pensjoni għall-Wens għall-perijodu bejn il-21 t'Awwissu, 1999 u t-23 ta' Frar, 2001. Qal li għall-SAF ma kinux jingħataw krediti ta' bolol qabel Jannar tal-2013, u għaldaqstant ma kinux dovuti krediti ta' bolol lill-appellanta għall-perijodu li fih hija kienet qiegħda tirċievi dan il-benefiċċju. L-appellat qal li fil-każ tal-Pensjoni għall-Wens, biex benefiċjarju jgawdi minn krediti għaż-żmien meta huwa jkun qiegħed jirċievi dan il-benefiċċju, huwa jrid ikollu medja ta' 19.5 kontribuzzjoni fis-sena bejn meta jagħlaq l-età ta' 19-il sena u d-data li fiha jibda jirċievi l-Pensjoni għall-Wens. L-appellat qal li minkejja li l-appellanta kienet eliġibbli għall-Pensjoni għall-Wens, hija ma kinitx tissodisfa dawn il-kriterji, u għalhekk ma kinitx intitolata għall-krediti ta' bolol.

12. L-appellat qal ukoll li min-naħa tagħha, l-appellanta ppreżentat biss l-*employment history* tagħha maħruġ mill-Aġenzija JobsPlus, minn fejn jirriżulta li bejn l-1975 u l-1982 hija kienet impjegata u għalhekk kienet qiegħda tħallas il-kontribuzzjonijiet bħal kull persuna oħra fl-impjieg.

13. L-appellat għamel riferiment għall-aggravju tal-appellanta, li qalet li fil-fehma tagħha l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi, u qal li din il-qorti ta' reviżjoni ma tistax terġa' tidħol fil-valutazzjoni tal-provi kapriċċożament jew għal raġunijiet superfluwi. Qal li l-appellanta ma pprovdiet l-ebda raġuni valida li għandha twassal lil din il-Qorti tagħmel rivalutazzjoni tal-provi, u fil-fehma tal-appellat, l-Arbitru wasal għal konklużjoni korretta wara li ħa konjizzjoni tal-provi u s-sottomissjonijiet kollha li saru mill-partijiet.

14. L-appellat qal li l-appellanta mhijiex korretta meta tgħid li hija ma setgħetx tikkontesta l-verżjoni ta' Adrian Sacco. Qal li l-*email* ta' Sacco kien fiha informazzjoni li l-istess Sacco ġabar wara li għamel il-verifiki tiegħu għan-nom tad-Dipartiment, u f'din il-korrispondenza Sacco jagħti rendikont tal-benefiċċji li l-appellanta rċeviet mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali tul is-snin, kif ukoll jispjega r-raġuni wara d-deċiżjoni tad-Dipartiment li l-appellanta ma tingħatax krediti tal-kontribuzzjonijiet li kienet qiegħda titlob. Qal li l-*email* ta' Sacco ma kinitx maħsuba bħala prova, iżda bħala kjarifika li talab l-Arbitru mingħand id-Dipartiment, u għandha tiġi meqjusa bħala estensjoni għar-risposta tad-Dipartiment. Qal ukoll li ma kien hemm xejn li kellu jxekkel lill-appellanta milli tħarrek lil Sacco jew lil xi rappreżentant ieħor tad-Dipartiment bħala xhud, u l-fatt li hija naqset milli tagħmel dan kien nuqqas tagħha. Id-Direttur Ġenerali appellat qal li kien jinkombi fuq l-appellanta l-oneru tal-prova

li fil-fatt hija kienet qiegħda tirċievi l-assistenza soċjali mingħand id-Dipartiment bejn l-1985 u l-1992, u l-Pensjoni għall-Wens bejn l-1992 u l-2001, iżda l-appellanta ma ressqet l-ebda prova dwar dan, u għalhekk il-verżjoni tagħha baqgħet biss allegazzjoni. L-appellat qal li l-unika prova li ressqet l-appellanta kienet l-*employment history* tagħha, li imkien ma tikkonferma li l-appellanta b'xi mod kienet qiegħda tirċievi l-għajnuna fis-snin imsemmija. L-appellat qal li l-appell quddiem l-Arbitru tressaq mill-appellanta stess, u għalhekk kien jispetta lilha li tressaq provi konkreti sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha, partikolarment dik li hija tissodisfa r-rekwiżiti dettati mil-liġi għall-finijiet ta' eliġibbilità għall-pensjoni kontributorja. L-appellat qal li l-appellanta ma ressqet l-ebda prova fil-forma ta' *statements* bankarji bħala prova ta' dak li hija kienet tirċievi fil-forma ta' għajnuna soċjali, u naqset ukoll milli tixhed u tikkonferma dak allegat minnha bil-ġurament. Qal li għalhekk l-Arbitru ma kellux il-konvinċiment morali meħtieġ li dak li allegat l-appellanta kellu mis-sewwa. L-appellat qal li ladarba l-appellanta naqset milli tiskarika l-oneru tal-prova li kellha, huwa seta' jagħżel li min-naħa tiegħu ma jressaq l-ebda prova. Qal li minkejja dan, huwa ppreżenta *email* spjegattiva fejn ingħata rendikont tal-perijodi li fihom l-appellanta kienet irċeviet l-għajnuna soċjali u kif ukoll ir-raġunijiet wara d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali li ma jagħtix krediti għall-kontribuzzjonijiet tal-appellanta. L-appellat qal li kien hu li f'dan il-każ ressaq il-prova reġina li għandha tiddetermina l-każ in kwistjoni, fil-forma tal-*contribution record* tal-appellanta. L-appellat qal li dan ir-rendikont jelimina kull allegazzjoni jew pretensjoni li qiegħda ssir mill-appellanta għaliex juri li l-medja ta' kontribuzzjonijiet fis-sena da parti tal-appellanta hija ferm 'il bogħod minn dak li titlob il-liġi sabiex hija tkun intitolata għall-pensjoni.

15. L-appellat għamel riferiment ukoll għat-tieni aggravju tal-appellanta, fejn din qalet li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett, u qal li l-appellanta ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar kif, fil-fehma tagħha, l-Arbitru applika b'mod żbaljat dak li jipprovdi l-Kap. 318. Qal iżda li fiċ-ċirkostanzi huwa jemmen li għandu jagħti l-isfond legali wara d-deċiżjonijiet tiegħu u tal-Arbitru. L-appellat iċċita l-artikolu 44 tal-Kap. 318, li jgħid li persuna jkollha dritt għall-pensjoni tal-irtirar f'każ li fid-data meta tirtira din tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet relattivi, u tagħmel talba għal hekk fi żmien sitt xhur minn dik id-data. L-appellat iċċita wkoll l-artikolu 17(2) tal-Kap. 318 li jgħid li l-kundizzjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni huma regolati bil-Ħdax-il Skeda tal-Att. Din l-Iskeda tispeċifika li persuna tkun tista' tibbenefika minn pensjoni mnaqqsa f'każ li jiġi ppruvat li din kellha medja ta' għoxrin kontribuzzjoni mħallsa kull sena. L-appellat qal li mill-*contribution record* tal-appellanta jirriżulta li din ħallset medja ta' 8.5 kontribuzzjoni fis-sena.

16. L-appellat qal li saret analiżi wkoll sabiex jiġi stabbilit jekk l-appellanta kinitx intitolata għall-krediti ta' kontribuzzjonijiet fil-perijodu bejn l-14 ta' Jannar, 1995 u l-20 t'Awwissu, 1999, meta hija kienet qiegħda tirċievi l-SAF, kif ukoll bejn il-21 t'Awwissu, 1999 u t-23 ta' Frar, 2001, meta hi kienet qiegħda tirċievi l-Pensjoni għall-Wens. Qal li l-artikolu fil-liġi li jirregola l-krediti għall-kontribuzzjonijiet huwa l-artikolu 16 tal-Kap. 318. L-appellat qal li l-Pensjoni għall-Wens issemmiet għall-ewwel darba fl-artikolu 16 tal-Kap. 318, meta daħal fis-seħħ l-Att VIII tal-1992, u dan l-Att jipprovdi li għandha tiġi akkreditata kontribuzzjoni għal kull ġimgħa kalendarja li matulha persuna:

> "kienet impjegata f'impjieg assigurabbli jew kienet taħdem għaliha nnifisha u minnufih qabel ma saret hekk intitolata għal dik il-Pensjoni għall-Wens kienet (ii) ħallset jew kienet akkreditata b'medja ta' għall-anqas 20 kontribuzzjoni fis-sena, minn meta għalqet it-18-il sena."

L-appellat qal li dan l-artikolu tal-liġi nbidel bid-dħul fis-seħħ tal-Att IX tal-2013, li jistipula li kontribuzzjoni għandha tiġi akkreditata wkoll lil xi persuna assigurata:

> "... għal kull ġimgħa kalendarja li matulha tkun intitolata għal Pensjoni għall-Wens taħt l-artikolu 68 u f'xi żmien qabel ma tkun saret intitolata għal Pensjoni għall-Wens kif intqal qabel f'dan il-paragrafu, kienet impjegata f'impjieg assigurabbli jew kienet taħdem għaliha nnifisha u minnufih qabel ma saret hekk intitolata għal dik il-Pensjoni għall-Wens kienet ... (ii) ħallset jew kienet akkreditata b'medja ta' għall-anqas 20 kontribuzzjoni fis-sena, minn meta għalqet it-tmintax-il sena."

L-appellat spjega wkoll li l-aħħar emendi għas-sub-inċiż (3)(a) tal-artikolu 16 tal-Kap. 318 iddaħħlu permezz tal-Att XVI tal-2017, li jipprovdi li:

> "Kontribuzzjoni għandha wkoll tiġi akkreditata lil xi persuna assigurata – (a) ... għal kull ġimgħa kalendarja li matulha tkun intitolata għal Allowance għal Carer jew Allowance Miżjuda għal Carer taħt l-artikolu 68 u f'xi żmien qabel ma tkun saret intitolata għal Allowance għal Carer jew Allowance Miżjuda għal Carer kif intqal qabel f'dan il-paragrafu, kienet impjegata f'impjieg assigurabbli jew kienet taħdem għaliha nnifisha u minnufih qabel ma saret hekk intitolata għal dik l-Allowance għal Carer jew Allowance Miżjuda għal Carer kienet – (ii) ħallset jew kienet akkreditata b'medja ta' għall-anqas 20 kontribuzzjoni fis-sena, minn meta għalqet it-tmintax-il sena."

17. L-appellat qal li dan ifisser li biex l-appellanta tingħata krediti għall-perijodi ta' bejn il-21 t'Awwissu, 1999 u t-23 ta' Frar, 2001, jiġifieri għall-perijodu li fih hija kienet tirċievi l-Pensjoni għall-Wens, hija riedet tkun impjegata f'impjieg assigurabbli jew kienet taħdem għaliha nnifisha minnufih qabel bdiet tirċievi dan il-benefiċċju. L-appellat qal ukoll li minnufih qabel bdiet tirċievi dan

il-benefiċċju, l-appellanta kellha tħallas jew tkun akkreditata b'medja ta' mill-anqas 20 kontribuzzjoni fis-sena, minn meta għalqet 18-il sena. L-appellat qal li mill-*contribution record* tal-appellanta għandu jirriżulta li fis-sena 1999, jiġifieri meta l-appellanta bdiet tirċievi l-Pensjoni għall-Wens, kif ukoll minnufih qabel bdiet tirċievi din il-pensjoni, l-appellanta ma kellhiex mħallsa medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena minn meta għalqet 18-il sena. Qal li lanqas ma jirriżulta li minnufih qabel bdiet tirċievi dan il-benefiċċju, l-appellanta kienet impjegata f'impjieg assigurabbli jew kienet taħdem għaliha nnifisha, u huwa għalhekk li ma setgħu jingħataw l-ebda krediti tal-bolol għaż-żmien li fih l-appellanta kienet titħallas il-Pensjoni għall-Wens mingħand id-Dipartiment, għaliex hija ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tas-sub-inċiż (3)(a) tal-artikolu 16 tal-Kap. 318. L-appellat qal ukoll li l-benefiċċji tal-SAF qatt ma kienu inklużi taħt il-Kap. 318, u l-*allowance* għal *carer* ġiet inkluża fl-artikolu 16 permezz tal-Att XVI tal-2017. Qal li kienu biss dawk li ma kinux eliġibbli għall-Pensjoni għall-Wens jew għall-*Allowance* għal *Carer* minħabba li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda, li b'effett minn Jannar tal-2013 bdew jingħataw l-imsemmija krediti. Qal li għalhekk l-appellanta ma tistax tippretendi li hemm xi krediti ta' bolol dovuta lilha għall-perijodu ta' żmien bejn l-1995 u l-1999, u minkejja li jista' jkun li l-*email* ta' Adrian Sacco ma kinitx preċiża għal kollox, l-appellanta ma tistax targumenta li d-Dipartiment ma kkreditalhiex il-kontribuzzjonijiet li kienu dovuti lilha skont il-liġi. L-appellat qal li mill-ispjegazzjoni mogħtija minnu, partikolarment dwar il-mod kif inbidel l-artikolu 16 tal-Kap. 318 tul is-snin, għandu jirriżulta li l-appellanta qatt ma kienet eliġibbli għal tali krediti.

18. Fis-seduta li saret quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Ġunju, 2021, ġew ippreżentati għadd ta' dokumenti da parti tad-Direttur Ġenerali appellat, fosthom dokumenti li jagħtu stampa ċara tal-għajnuna u l-benefiċċji li rċeviet l-appellanta mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bejn l-1994 u l-preżent.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, iżda qabel tagħmel dan sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali appellat, li l-appellanta għandha ġġib prova dwar meta ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-Arbitru sabiex jiġi stabbilit jekk l-appell tagħha ġiex ippreżentat fit-terminu preskritt, jiġifieri fi żmien tletin jum mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tal-Arbitru twasslet lilha bil-miktub permezz tal-posta reġistrata. Il-Qorti kkonsidrat li d-deċiżjoni tal-Arbitru ngħatat fil-5 ta' Frar, 2021, u r-rikors tal-appell tal-appellanta ġie intavolat fid-9 ta' Marzu, 2021. Jirriżulta li fl-2021, ix-xahar ta' Frar kellu 28 ġurnata, u għalhekk ir-rikors tal-appell tal-appellanta ġie intavolat tnejn u tletin (32) ġurnata wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Arbitru. Minkejja n-nuqqas ta' provi fir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li meta wieħed jikkonsidra t-tul ta' żmien meħtieġ biex tiġi notifikata ittra bil-posta reġistrata, ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti jkollha dubji dwar jekk l-appell tal-appellanta ġiex intavolat fit-terminu preskritt bil-liġi, anki għaliex l-ewwel ġurnata li fiha setgħet raġonevolment ġiet notifikata din id-deċiżjoni kienet it-8 ta' Frar, 2021, għaliex il-5 ta' Frar, 2021 kien il-Ġimgħa. Dan ifisser li fi kwalunkwe każ l-appell tal-appellanta ġie ppreżentat fit-terminu ta' tletin ġurnata preskritti.

*L-ewwel aggravju:* *[apprezzament ħażin tal-provi]*

20. L-appellanta qalet li mill-provi rriżulta, u din il-Qorti tikkonferma dan, li hija kienet impjegata bejn is-snin 1974 u 1982, bejn l-1982 u l-1985 kienet tirreġistra, bejn l-1985 u l-1992 kienet tirċievi l-għajnuna soċjali minħabba li kienet tieħu ħsieb lil ommha, u bejn l-1992 u l-2001 kienet tirċievi l-pensjoni tal-wens, filwaqt li bejn l-2001 u l-2016 l-appellanta kienet tingħata l-benefiċċji soċjali. Qalet li għalhekk l-informazzjoni mogħtija minn Adrian Sacco u li abbażi tagħha ngħatat id-deċiżjoni tal-Arbitru hija skorretta. Qalet li hija kienet intitolata għall-krediti tal-kontribuzzjonijiet bejn l-1992 u l-2001 u mhux bejn l-1999 u l-2001, u l-informazzjoni mogħtija mir-rappreżentant tad-Direttur Ġenerali appellat hija waħda żbaljata għaliex din ma tieħux konsiderazzjoni tal-fatt li kien hemm perijodu ta' seba' snin li matulhom hija kienet intitolata għall-krediti.

21. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva u tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt illi, li kieku ma jkunux spjegazzjonijiet bħal dik mogħtija mid-Direttur Ġenerali appellat fir-risposta tal-appell tiegħu, qajla jkun possibbli għal min mhux ivversat tajjeb fil-liġi applikabbli, li jasal għal konklużjoni korretta dwar dak li jkun eliġibbli għalih u liema huma l-benefiċċji applikabbli għaċ-ċirkostanzi ta' kull każ, u dan minħabba fil-kumplessitajiet li kull każ iġib miegħu. Huwa għalhekk li prova bħal ma hija l-*email* mibgħuta minn Adrian Sacco, intużat mill-Arbitru bħala sors ta' informazzjoni li fuqha seta' jibni l-konsiderazzjonijiet tiegħu. L-appellanta setgħet, jekk ma kinitx taqbel mal-informazzjoni kontenuta f'din l-*email,* ittella' lil Adrian Sacco bħala xhud jew tgħamillu kontro-eżami, xi ħaġa li hija naqset milli tagħmel. L-appellanta kienet ukoll fil-libertà li tħarrek

rappreżentant tad-Direttur Ġenerali appellat, jew saħansitra lid-Direttur Ġenerali, nnifsu sabiex jagħti d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Arbitru, xi ħaġa li wkoll ma għamlitx, minkejja li l-oneru tal-prova li hija eliġibbli għall-għajnuna jew il-benefiċċju soċjali li applikat għalih, kien jinkombi fuqha.

22. Il-Qorti tirrileva wkoll li għajr għad-dokumenti li hija stess talbet li jiġu ppreżentati mid-Direttur Ġenerali appellat f'dan l-istadju tal-appell, il-partijiet ma ressqu l-ebda provi quddiem l-Arbitru, għajr għal xi korrispondenza li għaddiet dwar dan il-każ. Jirriżulta li d-dokumenti ppreżentati mill-appellat quddiem din il-Qorti, juru li fil-fatt l-Arbitru m'għamel l-ebda apprezzament żbaljat tal-provi. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud, għaliex il-ftit provi li ġew ippreżentati quddiem l-Arbitru ċertament li bl-ebda mod ma jgħinu lill-appellanta fil-pożizzjoni li ħadet f'dawn il-proċeduri, u għalhekk ma jistax jigħad li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi.

*It-tieni aggravju:* *[l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett]*

23. L-appellanta allegat ukoll li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett, mingħajr ma qalet kif jew b'liema mod dak li hija qiegħda tippretendi, li hija kellha biżżejjed kontribuzzjonijiet mħallsin, huwa korroborat b'dak li tipprovdi l-liġi applikabbli. Huwa ċar li l-appellanta ma setgħet tibbenefika mill-ebda krediti għaż-żmien li fih hija kienet qiegħda tieħu Pensjoni għall-Wens jew *Allowance* bħala *Carer,* jekk fiż-żmien immedjatament qabel bdiet tirċievi dan il-benefiċċju hija ma kellhiex medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena mħallsin minn meta għalqet 18-il sena. Mill-provi prodotti jirriżulta li fis-sena qabel l-appellanta bdiet tirċievi l-Pensjoni għall-Wens, hija ma kellhiex medja ta' 20

kontribuzzjoni fis-sena mħallsa, u lanqas ma jirriżulta li qabel bdiet tingħata dan il-benefiċċju hija kinitx impjegata f'impjieg assigurabbli jew inkella kinitx taħdem għaliha nnifisha. Ġie ċċarat ukoll li persuna li tirċievi l-benefiċċju tal-SAF ma tingħata l-ebda krediti matul il-perijodu li fih hija tkun qiegħda tirċievi din l-għajnuna, u għalhekk l-appellanta ma kinitx intitolata għall-krediti għall-perijodu bejn l-1995 u l-20 t'Awwissu, 1999. Dan ifisser li l-appellanta mhijiex korretta meta tgħid li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett, u dan għaliex mill-provi prodotti jirriżulta li hija fl-ebda ħin ma kienet tissodisfa l-kriterju tal-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnha, u lanqas ma jirriżulta li hija kienet intitolata għal xi krediti li ma ngħatawx lilha. Għaldaqstant tqis li t-tieni aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu ukoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li qiegħda tikkonferma fl-intier tagħhom id-deċiżjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Frar, 2021, u tad-Direttur Ġenerali appellat qabilha.**

**Spejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**